MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Numru. 181/2006

Il-Pulizija
Spettur Kevin J Farrugia
vs

Abigail Francica

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghha hija giet akkuzata talli nhar il-15 ta’ Mejju 2005 ghall-habta tat-8.30 p.m. gewwa Triq in-Namur, Iklin u f’inhawi ohra f’dawn il-gzejjer;

(1) volontarjament hassret, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli vettura JBD 839 ghad-dannu ta’ John-Arthur Borg Olivier; liema hsara hi izjed minn hames mitt lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ John-Arthur Borg Olivier u torbot l-

imputata Abigail Francica b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni, wissietha bil-konsegwenzi skond il-Ligi ta' tali ammissjoni u ipposponiet il-kawza ghal dan il-ghan.

Meta regghet issejjhet il-kawza regghet dehret l-imputata u sostniet li riedet tirregistra ammissjoni;

Ghaldaqstant il-Qorti issibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 525 (1) (A), 383, u 17 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputata ikkoperat mal-pulizija, qegha thallas l-ammont kollu dovut minnha lis-socjeta' ta' l-assikurazzjoni tas-Sur Borg Olivier, il-fatt illi l-parte civile hafritilha ta' dak illi gara, kif ukoll il-fatt illi ghandha fedina penali netta. Ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi tilliberaha tobbligaha li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum. Il-Qorti torbotha b'obbligazzjoni taghha innifisha taht penali ta' multa ta' mitt lira (LM 100) ghal tnax il-xahar millum milli b'xi mod timmolesta aktar lil John-Arthur Borg Olivier;

Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------